

**Suġġett**

Talba biex jiġi kkonstatat, skont l-Artikolu 265 TFUE, li l-Kummissjoni illegalment naqset milli ttipproċedi bl-irtirar tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1629/2005, tal-5 ta' Ottubru 2005, li jemenda għall-54 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 (ĠU L 348M, p. 275) sa fejn dan l-att jikkonċerna lir-rikorrent

**Dispożittiv**

- 1) Il-Kummissjoni Ewropea naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-Trattat FUE u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001, billi naqset milli ttrimejja għad-difetti proċedurali u għall-irregolaritajiet dwar il-mertu li vvizzjaw l-iffriżar tal-fondi ta' Hani El Sayyed Elsebai Yusef.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż sostnuti minn H. Yusef, kif ukoll is-somom mħallsa mill-kaxxa tal-Qorti Ġenerali abbażi tal-għajnunna legali.
- 4) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

(<sup>1</sup>) ĠU C 260, 25.09.2010

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2014 – Deutsche Bank vs UASI (Leistung aus Leidenschaft)**

(Kawża T-539/11) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Leistung aus Leidenschaft — Trade mark li hija kkostitwita minn slogan ta' reklamar — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament — Obbligu ta' motivazzjoni — Provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali”)*

(2014/C 142/40)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Deutsche Bank AG (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Lange, T. Götting u G. Hild, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Awwissu 2011 (Każ R 188/2011-4), li ttrigwarda applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjol verbali Leistung aus Leidenschaft bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Deutsche Bank AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 13, 14.1.2012.